Nru. 511

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Bajja ta' Għajn Tuffieħa, il-Mellieħa u l-Imġarr

(ara l-pjanta fuq paġna 6012) tista' tkun ta' valur ekoloġiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Ma jistgħux jidħlu vetturi bil-mutur.

(ii) Ma jistax isir ikkampjar f'dik l-*area*.

(iii) Ma jistax jitneħħa u/jew jittieħed ramel, ċagħak, ġebel u tafal.

(iv) Ma tista' tittieħed, tinqatel, tinqabad, tinġabar, ebda speċi ta' flora u fawna.

(v) Ma jista' jsir ebda żvilupp ieħor ta' natura temporanja u/jew permanenti.

(vi) Ebda parti mill-*area* ma tista' tiġi livellata.

(vii) Ebda forma ta' ġemgħat organizzati li jkun fihom aktar minn tletin persuna, bħal ma huma kunċerti, eċċ., ma jitħallew isiru.

(viii) Dawk li jżuru din l-*area* huma obbligati li jiddisponu mill-fdalijiet/l-iskart tagħhom fil-*bins* li jinsabu fil-post ta' l-ipparkjar.

Din l-Ordni tibda fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-propjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-29 ta' Lulju, 1994

No. 511

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

Bay at Għajn Tuffieħa, Mellieħa and Mġarr

(see site plan on page 6012) could be of ecological value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) Passage of motorised vehicles is prohibited.

(ii) No camping is allowed in the area.

(iii) Removal and/or collection of sand, cobbles, stones and clay is prohibited.

(iv) The taking, killing, capture, collection, trapping of any spieces of flora and fauna is prohibited.

(v) No further development of a temporary and/or permanent nature is allowed.

(vi) No part of the area is to be levelled off.


(vii) No form of organised gatherings consisting of more than thirty persons, such as concerts etc., are allowed.

(viii) Visitors to the area are obliged to dispose of their waste/litter in the collecting bins provided in the parking lot.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

29th July, 1994


GHAJN TUFFIEHA
EMERGENCY CONSERVATON ORDER
SCALE: 1:6500
SURVEY SHEET NO. 4076
N
Ir-Ramla ta' Ghajn Tuffieha
Il-Hotba l-Bajda
Il-Qarraba
Wied il-Lippija